ŻEBBUĠ

**<u>MINUTI</u> tas-Seduta Nru. 32/09**

**Iltaqa' fil-bini tal-Kunsill Lokali Zebbug**

**Data: Il-Hamis, 5 ta' Marzu 2009**

**Hin: Fit-8.30 ta' filghodu**

**Prezenti ghall-laqgha:-**

- **Is-Sur Carmelo Saliba – Sindku**
- **Is-Sur Joseph Bajada – Vici Sindku**
- **Is-Sur Harry Debono – Kunsillier**
- **Is-Sur Victor Refalo – Kunsillier**
- **Is-Sinjura Diane Tagliaferro – Segretarja Ezekuttiva.**

Il-Kunsillier is-Sur Joseph Camilleri kien skuzat.

Ippresjeda l-laqgha s-Sindku Carmelo Saliba.

Intqalet talba mis-Sindku u nghata bidu ghall-laqgha.

## Approvazzjoni tal-Minuti 31/09

Billi l-minuti tas-seduta b' nru. 31/09 gew cirkulati minn qabel, dawn gew meqjusa bhala moqrija.

Is-Sindku talab ghal xi korrezzjonijiet li setgha kien hemm ghall-minuti.

Ma kienx hemm korrezzjonijiet ghall-minuti.

Is-Sindku talab ghall-approvazzjoni tal-minuti kif ipprezentata u staqsa ghal dawk li kienu favur, kontra jew li ser jastjenu.

Minhabba li kien jidher li kulhadd kien favur, dawn il-minuti gew approvata u ffirmata.

## Punti li johorgu mill-minuti 31/09

Ma tqajjmux punti mill-minuti.

Dwar it-tqassim tan-*newsletters* tal-Kunsill Lokali f' Marsalforn, is-Sindku ppropona u l-Kunsill qabel li jsiru tlett kaxxi tal-*perspex* u fihom jitpoggew in-*newsletters*. Gie maqbul li dawn il-kaxxi jitpoggew wahda magenb in-*notice board* tal-Menqa, ohra fi Triq Santa Marija u ohra Triq il-Qolla s-Safra.

Il-Kunsill approva li jforni l-materjal li hemm bzonn ghall-manutenzjoni ta' l-ghassa tal-pulizija taz-Zebbug. Dwar l-ghamara ghall-ghassa, gie deciz li jingabru kwotazzjonijiet.

Is-Segretarja Ezekuttiva gharrfet lill-Kamra li s-salib approvat ghall-Pjazza se jiswa €800 (f' materjal).

Il-Kunsill approva t-twahhil ta' lampa gdida fi Triq Barda (PR 49/08).

## korrispondenza

Sar il-qari ta' din il-korrispondenza:-

Ittra mibghuta mill-Bord ta' Evalwazzjoni – Skema Attivitajiet Kulturali dwar l-accettazzjoni ta' l-applikazzjoni ghal ghajnuna finanzjarja ghall-attivita` 'Is-Sagra tal-Pjanti u Fjuri'. Il-Kunsill qabel li jiffirma l-ftehim ta' accetazzjoni.

Cirkulari tad-Dipartiment ghall-Gvern Lokali dwar konsultazzjoni ghat-tfassil ta' *policy* fuq *open storages*. Il-Kunsill iddecieda li jghaddi l-informazzjoni li ghandu dwar individwi li avvicinawh u li huma nteressata jizviluppaw siti proprjeta` taghhom f' *open storages*.

Komunikat tal-MEUSAC dwar il-programm ta' l-Unjoni Ewropeja MED Programme. Il-Kunsill qabel li jippartecipa fil-Programm bil-progett tas-salini.

Ittra mibghuta minn Dr J Refalo ghan-nom ta' George Sacco dwar it-twahhil ta' rixtellu fi Triq is-Sajjieda. Gie deciz li l-ittra tkun imwiegba mill-Avukat tal-Kunsill li l-kwistjoni mhux kompetenza tal-Kunsill.

Memos 10-12/09 tad-Dipartiment ghall-Gvern Lokali gew meqjusa bhala moqrija peress li kienu ntbaghtu minn qabel ma' l-Agenda tal-laqgha.

Ittra tal-Kunsill Lokali Mqabba dwar iz-zjara tal-Kunsill fl-Imqabba.

Talba minn James Said biex ipoggi l-*bumping cars* fil-*car park* ta' Marsalforn bejn it-13 ta' Gunju u t-13 ta' Settembru 2009.
Is-Sindku ressaq it-talba ghall-vot.
Favur – is-Sindku, il-Vici Sindku (ninkludu l-kundizzjoni tas-*sound*) u l-Kunsillier Debono.
Kontra – il-Kunsillier Refalo, ma jaqbilx li l-*parking* jintuza ghall-*bumping cars*.
It-talba ghaddiet.

**Applikazzjonijiet ghal permess tal-Kunsill Lokali**

| | **Decizjonijiet mehuda mill-Kunsill Lokali** |
|---|---|
| Fondazzjoni Oasi<br>Biex itellghu l-kuncert<br>Riflessi Sajfin fil-Menqa<br>bejn is-6 u d-9 ta' Awissu 2009. | Approvata<br>mis-7 sad-9 ta' Awissu 2009. |
| Aldo Mercieca ta' Otters Bistro<br>Attivita` bejn it-23 u l-25 ta' April 2009 magenb l-Otters. | Approvata. |

Ittra mibghuta mill-Kunsill Lokali Isla dwar festival marittimu li ser isir fis-17 ta' Mejju.

## Komunikazzjonijiet mill-kunsilliera

Il-Kunsillier Debono ppropona li l-Kunsill ixolji l-Kumitat ta' Marsalforn u meta ssir ir-riforma fil-Kunsilli, dan il-Kumitat jerga' jitwaqqaf. Kien hemm qbil mal-proposta tal-Kunsillier Debono.

Il-Kunsill approva x-xiri ta' kaxxa whisky u ohra brandy u zewg kaxxi birra.

Is-Sindku qal li fil-gurnal Illum kien rappurtat li sebgha u ghoxrin Kunsill Lokali fosthom il-Kunsill taz-Zebbug gew ipprocessata mid-Dipartiment ghall-Gvern Lokali. Qal li tkellem mad-Dipartiment ghall-Gvern Lokali u kien infurmat li m' hemm ebda kaz miftuh kontra l-Kunsill taz-Zebbug. Is-Sur Saliba zied jghid li hu jaqbel li l-Kunsill ikun taht skrutinju kontinwu pero` meta dan jigi processat u wisq aktar meta jittiehdu decizjonijiet, ta' lanqas l-istess Kunsill ghandu jkun infurmat. Is-Sindku qal li qed jidhru ghadd ta' ittri fil-media lokali u nahseb wasal iz-zmien li nibdew nuru l-verita` tal-fatti.

## Approvazzjoni tal-kontijiet

**Dawn il-pagamenti gew approvata:-**

| | |
|---|---|
| *Fuel* – Laqgha d-Dipartiment ghall-Gvern Lokali<br>(is-Sindku Carmelo Saliba) | €25.00 |
| *Fuel* – Laqgha dwar Med Programme, Heritage Malta<br>(is-Sindku Carmelo Saliba) | €25.00 |
| *Badge* tal-Kunsill ghall-Kunsillier Refalo (Vassallo Jewellery) | €70.00 |
| Il-Kunsill approva x-xiri ta' erba' *badges* ohra ghall-Kunsilliera. | |
| Ikel – Premjazzjoni lir-rebbieha tal-kompetizzjoni ghall-isbah presepji<br>(Joe Bajada) | €50.00 |
| *Fuel* u biljett tal-vapur – gbir ta' trofej minn Malta | |

| | |
|---|---|
| (Joe Bajada) | €33.15 |
| Kiri u tbattil tal-*bins* tal-*bring-in site* – Jannar 2009 | |
| (WasteServ Malta Ltd) | €296.59 |
| Spejjez tal-ufficcju (Smart Office Supplies Ltd) | €57.75 |
| *Fuel* u *snack* – Seminar dwar Territorial Cooperation Programmes u ffirmar tal-ftehim tal-UIF, Sindku u Seg. Ezek. | |
| (is-Sindku Carmelo Saliba) | €38.70 |
| *Fuel* – *Launching* tal-Kampanja Energy Saving, San Giljan | |
| (is-Sindku Carmelo Saliba) | €25.00 |
| *Fuel* – iffirmar tal-ftehim mal-MEUSAC | |
| (is-Sindku Carmelo Saliba) | €25.00 |
| Librara – servizzi ta' Frar 2009 (Joanne Grima) | €44.72 |
| *Contract Manager fee* – Jannar 2009 | |
| (Galea Curmi Engineering Consultants) | €95.93 |
| Servizzi ta' garr ta' flus – Jannar 2009 | |
| (Group 4S Security Services Malta Ltd) | €30.26 |
| Tindif ta' l-ufficini tal-Kunsill – Frar 2009 | |
| (Salvina Bajada) | €36.12 |
| Servizz mill-banda – Karnival fiz-Zebbug | |
| (Socjeta` Filarmonika Santa Marija) | €700.00 |
| Servizzi ta' pulizija – Karnival fiz-Zebbug | |
| (Dipartiment tal-Pulizija) | €40.57 |
| Trofej u tifkiriet (Horace Enterprises Ltd) | €108.12 |
| Armar ghall-Kukkanja (Mallia Property & Developments Co Ltd) | €23.31 |
| Divertiment – *party* tal-Milied tat-tfal (Anthony Zammit) | €120.00 |
| Zarmar ta' l-antarjoli – attivita` 'Arti, Fidi u Kultura' | |
| (Joe Cefai) | €155.00 |

Is-Sindku qal li dan il-kaz kien wiehed urgenti u wara li tal-Kultura ma nizlux jaqalghu l-antarjoli.

| | |
|---|---|
| Trasport tat-tfal ta' l-iskola primarja – Jannar 2009 | |
| (Felix Cini) | €81.20 |
| 2000 baskett (EZ Creations) | €1,416.00 |
| *Microwave oven* u *heater* (GDA Sales & Services) | €208.74 |
| Tabelli tat-traffiku u mera (Raphael Refalo) | €233.88 |
| *Contracts Manager fee* – Dicembru 2008 (Fortunato Mifsud) | €65.78 |
| Twahhil ta' fanali dekorattivi fuq iz-zuntier tal-knisja ta' Marsalforn | |
| (Richard Cauchi) | €1,214.36 |
| Twahhil ta' fanali dekorattivi fi Sqaq Anton Mallia | |
| (Richard Cauchi) | €1,232.79 |
| Tindif u zamma tal-latrina pubblika taz-Zebbug – Frar 2009 | |
| (Nancy Cefai) | €143.84 |
| Tindif tat-toroq, gbir ta' *bulky refuse* u tindif u zamma tal-latrini ta' Marsalforn – Dicembru 2008 | |
| (Dipartiment ta' l-Indafa Pubblika) | €1,677.38 |

| | |
|---|---|
| Armar ghall-Kukkanja (Agius Industrial Supplies Ltd) | €56.42 |
| Zebgha ghal Marsalforn (Joseph Caruana Co Ltd) | €560.15 |
| Armar ghall-Kukkanja (Joseph Caruana Co Ltd) | €38.00 |

## ‘is-sagra tal-pjanti u l-fjuri’

Il-Vici Sindku gharraf lill-Kamra li kien tkellem ma’ tal-Coca u nfurmawh li jistghu jaghtu kaxxi tad-*drinks* u anke xi *bars*.

Gie deciz li l-i*stalls* jintramaw fil-genb tal-pjazza.

Il-Kunsill approva:-

- servizzi ta’ PA System minghand Power Sound
- jarma d-dwal Joe Cutajar.

Il-Kunsill qabel li:-

- l-Gimgha jsir il-ftuh tas-Sagra tal-Pjanti u Fjuri.
- jiehdu sehem talenti lokali Ghawdxin, Freddie Portelli, Ta’ Seguna, Anette Mystic Dancers, Dario Mifsud Bonnici, Miriam Christine Borg, Augusto Cardinale, id-Dulli, il-Kumpanija ta’ Doris Bugeja, J’ Anvil u Klinsman.
- il-Hadd filghodu jsir it-tberik tal-*pets* u parata biz-zwiemel.
- jixtri b’ €2,000 loghob tan-nar ta’ l-art minghand iz-zewg kmamar tan-nar ta’ l-Imqabba.
- jipprezenta l-attivitajiet Joe Bajada.

## Jum iz-Zebbug 2009

Il-Kunsill approva dawn ix-xoghlijiet (ghandhom ikunu lesti sa’ Jum iz-Zebbug):-

- thawwil ta’ sigar taz-zebbug fil-Pjazza.
- issir bankina gdida u fuqha jitpoggew zewg bankijiet u pilastru b’ lapida fuq ir-rih tal-latrina fi Triq il-Knisja.

**PREMJU GIEH IZ-ZEBBUG 2009**

Il-Vici Sindku nnomina lil Fr Gigi Mallia, MSSP ghall-Premju Gieh iz-Zebbug 2009. Kien hemm qbil unanimu ghan-nominazzjoni li ressaq il-Vici Sindku.

Il-Kunsill approva li jsir trofej u dan jinzamm ghal sena mir-rebbieh tal-Premju Gieh iz-Zebbug; jaghmel it-trofej Ronald Pisani.

Il-Kunsill qabel li:-

- § issir wirja fiz-Zebbug bit-tema Il-Lokal taz-Zebbug maz-Zmenijiet.
- § ‘Iz-Zebbug, Memorja ta’ Tfuliti’ ssir minn Emanuel Galea.
- § ikunu mfakkra Mons Frangisk Saliba u Dun Bert; jaghmel il-prezentazzjoni Fr Gigi Mallia.

Il-Kunsill iddecieda li jorganizza harga ghal Malta l-Erbgha 25 ta’ Marzu. Il-programm tal-harga jinkludi zjara lill-President ta’ Malta u lill-Ispeaker tal-Kamra u quddiesa fil-Knisja ta’ Hal Balzan fl-okkazjoni tal-festa tal-Lunzjata.

Is-Segretarja Ezekuttiva gharrfet lill-Kamra li l-Kuntratt tal-qtugh tal-haxix u t-tindif ta’ toroq mhux urbana kien se jaghlaq. Is-Sindku ppropona li l-haxix tat-toroq mhux urbana jinqata’ mill-haddiema tal-Kunsill. Gie deciz li jingabru kwotazzjonijiet ghax-xiri ta’ muturi.

Il-laqgha ntemmet fil-11.30 ta’ filghodu. Il-Kunsill Lokali ftiehem li laqgha ohra tinzamm nhar it-Tnejn, 30 ta’ Marzu 2009 fit-8.30 ta’ filghodu.

**Carmelo Saliba CLJ**
***Sindku***

**Diane Tagliaferro**
***Segretarja Ezekuttiva***